# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
# MAĠISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D

**Distrett Ħal Qormi**

**Każ Nru. 3138/24**

**Pulizija**
**vs**
**Jo Theresa Deguara**

**Illum, 30 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Jo Theresa Deguara, detentriċi tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0210184M, li permezz tagħhom ġiet akkużata talli:

> *"...fl-10/02/2024 għall-ħabta ta' 09:00 ġewwa 86, Triq il-Kbira, QORMI.*
>
> *1) Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*
> *Art. 338(dd) Kap. 9*
>
> *2) Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Jessica Caruana*
> *Art. 339(1)(e) Kap. 9*
>
> *3) Gibt ruhek b'tali mod li tajt fastidju lil Jessica Caruana, u b'mod li kont taf jew li missek kont taf li dak li għamilt kien ta' fastidju ghal Jessica Caruana.*
> *Art. 251A(1)(a)(b) Kap. 9"*

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**<u>Provi Prodotti</u>**

F'din il-kawża, ġew imressqa varji xhieda, li in suċċint kienu s-segwenti:

**<u>Victor Deguara</u>** xehed li huwa jiġi ħu l-imputata, iżda għażel li jixhed. Spjega li fl-10 ta' Frar, 2024, għal ħabta ta' xid-disgħa neqsin kwart, hu kien fuq il-bejt tal-proprjetà tal-familja tiegħu, flimkien ma' oħtu u ma' missieru. Spjega li oħtu ma tagħmilx xogħol manwali. Spjega li huwa u missieru kienu ser jagħmlu xi xogħol relatat mal-elettriku. Spjega li malli bdew ix-xogħolijiet, instema' l-bieb iħabbat u niżlet tiftaħ l-imputata. Spjega li kienu l-Pulizija li kienu ġew, minħabba rapport anonimu fuq storbju. Ikkonferma li l-Pulizija daħlu ġewwa d-dar tal-familja tagħhom, u l-Pulizija stess ikkonfermaw li kulma kienu semgħu kien, xi tismir fil-bogħod. Kompla jgħid li oħtu kienet informat lill-Pulizija, li kienet xebgħet f'din is-sitważżjoni, fejn ta' kull darba kienu jiġu msejjħa l-Pulizija, jekk ikunu qed isiru xi xogħolijiet. Spjega li oħtu l-imputata kienet qalet lill-Pulizija, li issa l-affarijiet minn hawn kienu se jikbru.

Kompla jgħid li ftit jiem ilu, il-Pulizija talbu lil missieru jattendi l-Għassa, peress li sar rapport addizzjonali, in vista tal-fatt li missieru kien qed jagħmel ix-xogħolijiet. Huwa kkonferma li f'ħin minnhom, oħtu l-imputata ħarġet barra fit-triq u uriet lill-Uffiċjali tal-Pulizija, li fil-pjazza kien hemm krejn, u faċċata kienu qed isiru xogħolijiet bil-*jigger*, kif ukoll urietu li kienu għaddejjin xogħolijiet fi proprjetà iktar 'il fuq. Qal li xħin kienet qed tagħti din l-ispjegazzjoni, kienet qed tipponta f'diversi direzzjonijiet, inkluż lejn id-direzzjoni tad-dar ta' Jessica Caruana. Ċaħad li fi x'ħin, oħtu semmiet lil xi ħadd jew xi laqam ta' xi ħadd.

In kontroeżami, huwa spjega li wara li telqu l-Pulizija, huwa kompla għaddej bix-xogħol. Qal li huwa qatta' ġurnata jgħaddi d-dawl, u ċioè jgħaddi l-wajers tad-dawl, peress li t-trinek kienu ġjà mqatta'. Meta mistoqsi jekk semgħax lil oħtu tgħid li ser tagħmel waħda minn tagħha, huwa spjega li ġjà għamlet waħda minn tagħha, għax saret kwerela minnha, u anke ser jinbdew proċeduri ċivili. Ikkonferma li kienu saru madwar għoxrin rapport mill-istess persuna, kontra tagħhom. Insista li huwa ma kinx jaf min kien għamel dan ir-rapport, mertu ta' din il-kawża.

**Jessica Caruana** xehdet li fl-10 ta' Frar, 2024, għal ħabta ta' tmienja u nofs ta' filgħodu, hija kienet fid-dar tagħha, flimkien ma' żewġha. Spjegat li kienu ilhom jissaportu madwar tliet snin, b'dawn iċ-ċirkostanżi ta' storbju, u għalhekk talbu l-assistenza tal-Pulizija. Dakinhar qalet li kien hemm ħoss qawwi ta' tanbir jinstema'. Spjegat li hi u żewġha jaħdmu fis-servizz, u talbu lill-Pulizija jwissi lill-ġirien biex ma jagħmlux storbju. Qalet li hija ndunat li waslu l-Pulizija, għaliex semgħet għajjat enormi ta' mara tixher. Spjegat li għarfet leħen l-imputata, u li din bdiet tgħid li ma jistax ikun li dawn jagħmlu l-arja, għax huma t-tnejn fis-servizz, u li meta tagħmel storja tinkiteb, ħadd ma għandu jiġi jgħidilha x'għamlet. Ikkonfermat li dan id-diskors semgħetu meta kienet fid-dar tagħha u li hija kienet għarfet il-leħen. Għalkemm hija kkonfermat li isimha ma ssemmiex, kienet ovvja li l-imputata kienet qed tirreferi għaliha, peress li semmiet li dawn kienu fis-servizz u li kienu lestew id-dar tagħhom. Sostniet li malli għalqet il-bieb, reġa' beda t-tanbir, liema tanbir kien jinstema' anke minn barra. Spjegat li d-dar kollha ġiet affettwata b'dan it-tanbir.

Spjegat li minn dakinnhar li sar ir-rapport, hija qatt ma kkomunikat mal-imputata. Ikkonfermat li fit-triq tagħhom, il-familja tal-imputata biss kellhom xogħol ta' kostruzzjoni għaddej. Ikkonfermat li f'din id-dar, joqgħodu diversi nies. Spjegat li meta nfetaħ il-bieb sabiex jiġu mitkellma mill-Pulizija, kienet l-imputata li fethet il-bieb u għalhekk dan juri li hija kienet qed taħdem f'din il-proprjetà.

In kontroeżami, hija kkonfermat li għamlet rapport fuq it-tanbir u li ftit hin wara li telqu l-Pulizija, telgħet fuq il-bejt u rat lil Victor Deguara kokka mal-art u l-missier, jagħmel xi xogħol, filwaqt li l-imputata kienet bilwieqfa tissorvelja. Ikkonfermat li fl-ebda ħin ma rtirat dan ir-rapport.

**L-imputata Jo Theresa Deguara** xehdet li fl-10 ta' Frar, 2024, kellhom pjanat li jgħaddu xi *wiring* tad-dawl u x-xogħol kien qed isir fuq il-bejt u fil-*washroom*. Spjegat li hija ma tagħmilx xogħol manwali u dakinhar tal-inċident, kienet qed tiżbarazza l-*washroom*. Spjegat li x-xogħol kien qed jagħmlu missierha u ħuha. Kompliet tispjega li bħala ħsejjes, kien qed isir xi tismir. Qalet li meta ġew il-Pulizija, hija baqgħet ġewwa d-dar u l-Pulizija saqsewha fuq l-istorbu. Spjegat li l-Pulizija stess ammettew li kulma semgħu, tismir fil-bogħod. Qalet li hija spjegat lill-Pulizija, li bħalissa f'Ħal Qormi, kien għaddej ħafna xogħol. Qalet li dan ma kinx l-ewwel rapport. Hija saħqet li fl-ebda ħin ma semmiet, li kien hemm xi persuni qegħdin fis-servizz. Sostniet li l-Pulizija ma kinux infurmawhom min kien għamel ir-rapport. Spjegat li anke l-Pulizija ammetta li kien ilu jiġi fuq rapporti li kienu qed isiru fir-rigward tagħhom, u kkonfermat li hija lissnet il-kliem, li fl-aħħar tkun bi kbira. Insistiet li dak li riedet tfisser kien, li ser tieħu passi legali. Qabblet li hija ppuntat lejn xi djar, meta kienet qed turi lill-Uffiċjali tal-Pulizija, fejn kienu qed isiru xogħolijiet oħra.

In kontroeżami, hija kkonfermat li wara li telqu l-Pulizija, huma komplew bix-xogħolijiet .

**Michael Caruana** xehed li fl-10 ta' Frar, 2024, filgħodu, sar rapport minnu u minn martu, minħabba storbju li kien għaddej fid-dar tal-imputata. Spjega li xħin ġew il-Puliżija, huwa sema' lill-imputata tgħid li ser tagħmel waħda tinkiteb u sabiex imbagħad wara, ma jiġux jgħidulha x'għamlet. Qal li huwa sema' lill-imputata, kif ukoll raha tippontaha lejn id-dar tagħhom. Qal li l-imputata ma semmiet l-ebda isem, iżda semmiet li dawn jaħdmu fis-servizz, b'referenza għalih u għal martu. Spjega li ħu l-imputata, ħareġ ukoll. Huwa ma tax każ x'kienet liebsa l-imputata u jekk kellhiex trab. Spjega li wara li sema' dan it-thedid u x-xogħol reġa' beda, hu u martu ddeċidew li jmorru l-Għassa.

Gew ippreżentati wkoll tliet affidavits ta' tliet Uffiċjali tal-Pulizija.
**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata bir-reat kontravenzjonali, prospettat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika. Din il-kontravenzjoni taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hija dik, li fil-Liġi Ingliża hija '*a breach of public peace*'. Dan ifisser li persuni oħra jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Fil-kawża **Il-Pulizija vs Pio Galea**, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, deċiża fis-17 ta' Ottubru, 1997, fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> *"irid ikun hemm, bħala regola, għemil voluntarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumità fiiżka ta' persuna, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil."*

Illi rriżulta li dan ir-rapport sar fuq storbju li kien qed isir. Meta ġiet mitkellma mill-Pulizija, l-imputata ġiet mitkellma fir-residenza tagħha, u fl-ebda ħin ma nqala' xi ġlied. Mill-affidavits tal-Pulizija, irriżulta li l-imputata qalet xi diskors u aċċettat li tnaqqas mill-istorbju li kienet qed tagħmel. Il-Qorti ma tqisx li b'xi mod, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

Dwar it-tieni imputazzjoni, din il-Qorti tqis li lanqas din ma ġiet ippruvata. Huwa minnu li l-imputata ġiet rapportata li qalet li kienet ser tagħmel waħda minn tagħha. Iżda dan qalitu mingħajr ma għamlet l-ebda referenza lejn ħadd partikolari. Ma semmiet l-ebda ismijiet. Il-parte ċivile allegat li saret referenza lejha u lejn żewgha, meta l-imputata semmiet li dawn kienu nies jaħdmu fis-servizz u li kienu għadhom kif lestew xogħolijiet. Iżda għalkemm dawn il-punti ssemmew mill-parte ċivile li kienu f'darhom meta allegatament semgħu dan id-diskors, l-istess punti ma ġewx indikati fl-affidavits tal-Uffiċjali tal-Pulizija li nvestigaw il-każ. Din il-Qorti ma tistax tqis li għalhekk dan id-diskors kien neċessarjament qed isir, b'referenza għall-kwerelanta Jessica Caruana. U anke jekk veru ntqal dak il-kliem, seta' kien qed jirreferi għal żewġ Jessica Carauna, li ma jiffigurax ruħu fl-imputazzjoni. In oltre, l-imputata spjegat x'riedet tfisser meta qalet dak id-diskors, liema verżjoni ġiet ukoll ikkorraborata mix-xhieda ta' ħuha. Finalment jiġi wkoll sottolinjat, li dan l-allegat

diskors lanqas ma ntqal fil-preżenza ta' Jessica Caruana, iżda allegatament Caruana semgħet dan id-diskors u għarfet il-vuċi tal-imputata.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din tirrigwarda allegat fastidju fil-konfront ta' Jessica Caruana. Għaldaqstant, issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fit-2 ta' Mejju, 2013:

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-*

*"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz*

*mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din ilQorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-*

*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."*

Issir riferenza wkoll għas-sentenza, **Il-Pulizija vs Francis Xavier Micallef**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fis-17 ta' Frar 2011:

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjah "harassement" bil-vjolenza kif previst fl-artikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim'Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi ilharassement taht dina id-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imgieba" fit-test tal-ligi timplika "a course of conduct" u mhux xi incident wiehed izolat. Il-Qorti tistqarr:*

*… illi dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara xxebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or*

*against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*

*"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

*Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi."* (Vide wkoll is-sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2020, minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Robert Ciappara**).

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fis-17 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs. Elizabeth Azzopardi**, *intqal* li:

*Illi riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti, fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza deciza mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini:*

*"Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deciz fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat:*

*"Illi ghalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz 'Harassment') gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' zmien".*
*[...]*

*Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliz 'harassment') gie introdott ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruhha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taht irraba' imputazzjoni. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna*

*ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik limgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.*

*Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna. [...]*

*Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi flapplikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it- tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".*

*Din il-Qorti zzid dan li gej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel zewg artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person must not pursue a course of conduct' li fil-ligi taghna hekk: 'Persuna li ggib ruhha'.*

*Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC).*

*In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his*

> *wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*
>
> *Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*
>
> *Illi, skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' incident u mhux incident wiehed."*

Il-liġi għalhekk titkellem dwar "imġieba", *a course of conduct*, u minn dina l-espożizzjoni legali, jirriżulta illi din l-imputazzjoni ma tissussistix. In fatti, l-imputazzjoni tirrigwarda inċident wieħed, li allegatament seħħ f'data, f'lok u f'ħin speċifiku, u ċioè fl-10 ta' Frar, 2024, għall-ħabta ta' 9.00, ġewwa 86, Triq il-Kbira, Qormi. Għalkemm fix-xhieda tagħhom, Jessica u Michael Caruana allegaw li kien hemm varji inċidenti oħra ta' dan it-tip, jibqa' l-fatt li hekk kif ifformulata l-imputazzjoni odjerna, din hija marbuta ma' inċident wieħed, li allegatament seħħ f'ħin partikolari. Għaldaqstant l-imputata sejra tiġi liberata minn din l-imputazzjoni.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi għar-raġunijiet hawn fuq esposti, tillibera lill-imputata minn kull kundanna u ħtija.**

| | |
|---|---|
| **Maġistrat Dr. Simone Grech** | **Janet Calleja**<br>**Deputat Reġistratur** |